2 ta' Mejju, 1944.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Joseph Vassallo et.** *versus* **Avv. Dr. Tommaso Caruana ne.**

**Perit Ġudizzjarju — Periti Addizzjonali — Art. 662 u 667 tal-Proċedura Ċivili.**

*Skond il-liġi r-rapport tal-perit għandu jiġi moqri publikament minnu u konfermat bil-ġurament quddiem il-Qorti fil-jum destinat għall-publikazzjoni tiegħu, jekk id-debra tal-perit ma tkunx ġiet dispensata mill-Qorti; u ż-żmien legali għat-talba għan-nomina ta' periti addizzjonali jibda jgħaddi mill-jum tal-publikazzjoni.*

*Għaldaqstant, għalkemm ir-rapport tal-perit ikun magħluf u jinsab inserit fost l-atti tal-kawża, ma jistax jiġi kunsidrat bħala publikat, jekk ma ikunx hemm id-dispensa tal-perit milli jidher il-Qorti; u għalhekk it-talba għan-nomina ta' periti addizzjonali magħmula qabel dik il-publikazzjoni ma tistax titqies premature.*

Il-Qorti, — Fuq il-kwistjoni sollevata mill-atturi, jekk il-konvenut jistax jinsisti għan-nomina ta' periti addizzjonali billi n-nota tiegħu, li biha għamel it-talba għalbiex jiġu no-

minat dawk il-periti, mhux legalment valida għaliex magħmula qabel ma ġie pubblikat ir-rapport tal-periti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi b'digriet ta' din *il-Qorti ta'* l-20 ta' Awissu 1941 ġie *nominat* il-Professur Dr. Giuseppe Hyzler bħala perit psikjatra sabiex jirrelata jekk Maddalena Vassallo kienetx mentalment kapaċi biex tagħmel *iż-żewġ testmenti* msemmijin fiċ-ċitazzjoni;

Illi l-perit ippreżenta fir-Reġistru r-relazzjoni tiegħu fil-21 ta' Ġunju 1943, u ħalifha *fir-Reġistru* fit-13 ta' Settembru ta' dik is-sena, u ġiet inserta fost l-attijiet tal-kawża. Fis-7 ta' Settembru 1943 il-konvenut ippreżenta l-imsemmija nota tiegħu li biha talab in-nomina ta' periti addizzjonali;

Illi skond il-liġi r-rapport tal-perit għandu jiġi pubblikament moqri minnu u konfermat bil-ġurament fil-jum destinat għall-pubblikazzjoni tiegħu jekk id-debra tal-perit ma tkunx ġiet mill-Qorti dispensata (art. 682 LL. ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili), u ż-żmien għat-talba għan-nomina ta' periti addizzjonali jiddekorri mill-jum tal-publikazzjoni tar-rapport (art. 687 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili);

Illi għalkemm ir-rapport tal-perit Professur Hyzler f'din il-kawża huwa maħluf u jinsab insert fost l-attijiet ta' l-istess kawża, dak ir-rapport, iżda, skond dak li ntqal fuq, ma jistax jiġi kunsidrat pubblikat u maħluf, għaliex għadu ma ġiex pubblikament moqri mill-perit u minnu maħluf fl-udjenza fil-jum destinat, kif jinħad fl-imsemmi art. 682 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u lanqas ma kien hemm id-dispensa *kontemplata* f'dak l-artikolu;

Illi għalhekk iż-żmien għat-talba għan-nomina ta' periti addizzjonali għadu ma bediex jiddekorri, u ma tiswiex it-talba magħmula *mill-konvenut* nomine bl-imsemmija nota tiegħu;

Għaldaqstant il-Qorti tipprovdi billi tiddestina l-jum 9 ta' Mejju 1944 bħala dak li fih il-perit Professur Hyzler għandu ippreżenta *ruħu fid-9 e.m.* quddiem il-Qorti għall-finijiet tal-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi rapport tiegħu u għal dak kollu li hu maħsub fl-art. 682 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili *fuq imsemmi*, u mill-jum li fih tkun saret il-

publikazzjoni tar-rapport jibda jiddekorri ż-żmien għat-talba għan-nomina ta' periti addizzjonali;

Tordna li jiġi notifikat il-perit Professur Hyzler bil-jum destinat għall-publikazzjoni tar-rapport tiegħu a kura u spejjeż provviżorjament ta' l-atturi;

Spejjeż riżervati.